# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Mejju 2002

## Avviz numru : 48/2002GT(GM)

**GasanMamo Insurance Agency Limited**

**vs**

**John Vella**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Ammont dovut mill-konvenut bhala prezz ta' prema fuq poloz ta' assikurazzjoni fuq vetturi 'self drive' mahruga f'isem il-konvenut mis-socjeta' attrici.**

**Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-15 ta' Jannar, 2002, u bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li hu minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni."**

**Ra r-riferta posittiva imnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fis-17 ta' Mejju 2002 u dik tal-lum;**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' rapprezentant tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u sebgha u sebghin liri maltin u zewg centezmi (Lm277.02), bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li**

**assista lis-socjeta' attrici quddiem dan it-Tribunal u tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Jannar 2002 a kariku tal-konvenut.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**